



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.8.2017
COM(2017) 412 final

2017/0184 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra, minn issa 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", kien iffirmit fid-9 ta' Frar 1995 fi Brussell u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999.

Skont l-Att ta' Adeżjoni tagħha, il-Kroazja timpenja ruħha li taderixxi mal-ftehimiet internazzjonali ffirmati jew konklużi mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha permezz ta' protokoll ma' dawk il-ftehimiet.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2012¹ awtorizzat lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi kkonċernati, sabiex jiġu konklużi l-protokolli rilevanti. In-negozjati mar-Repubblika Kirgiża ġew konklużi b'suċċess bl-iskambju ta' notes verbales.

Il-Protokoll propost jinkorpora lir-Repubblika tal-Kroazja bħala Parti Kontraenti għall-Ftehim u jorbot lill-Unjoni biex tipprovdi l-verżjoni awtentika tal-Ftehim bil-lingwa Kroata.

Il-Kummissjoni tqis ir-riżultati tan-negozjati bħala sodisfaċenti u tipproponi l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Protokoll. Permezz tal-proposta meħmuża, il-Kummissjoni b'dan titlob lill-Kunsill biex jawtorizza l-iffirmar tal-Protokoll f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għall-adattament tal-ftehimiet iffirmati jew konklużi bejn l-Unjoni Ewropea, jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ma' pajjiżi terzi wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (id-dokument tal-Kunsill 13351/12 RISTRETT).

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207 u 209, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, għandu jkun hemm qbil dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim")², permezz ta' protokoll ma' dan il-Ftehim. F'konformità mal-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni, għal tali adeżjoni għandha tapplika proċedura ssimplifikata, li permezz tagħha jiġi konkluż protokoll mill-Kunsill, li jaġixxi unanimament f'isem l-Istati Membri, u mill-pajjiżi terzi kkonċernati.
- (2) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mar-Repubblika Kirgiża għall-adattament tal-Ftehim³. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-iskambju ta' notes verbales.
- (3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Protokoll jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (4) Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni effiċjenti tiegħu, jenħtieġ li l-Protokoll jiġi applikat b'mod proviżorju b'effett mid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni,

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 1999/491/KE, ECSC, Euratom, tat-12 ta' Mejju 1999 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim tal-Assoċjazzjoni u Koperazzjoni li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri, fuq naħa waħda, u r-Repubblika Kirgiża, fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 196, 28.7.1999, p. 48).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għall-adattament tal-ftehimiet iffirmati jew konklużi bejn l-Unjoni Ewropea, jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ma' pajjiżi terzi wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (id-dokument tal-Kunsill 13351/12 RISTRETT).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika Kirgiża, fuq in-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, soġġett għall-konklużjoni ta' dan il-Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ biex jiffirma l-Protokoll, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna/i indikata/i min-negozjatur tal-Protokoll.

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu jiġi applikat b'mod proviżorju f'konformità mal-Artikolu 4(3) tiegħu, b'effett mill-1 ta' Lulju 2013, sakemm dan jidħol fis-seħħ.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President